MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 121/1999/1

**Fl-atti tal-ittra ufficjali presentata fis-7 ta' Jannar 1999 mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet**

**v.**
**John Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat fid-19 ta' Jannar, 1999 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civli li permezz tieghu John Bartolo issottometta illi bl-ittra ufficjali fuq imsemmija u d-dikjarazzjoni guramentata annessa, id-Direttur Generali tax-Xogholijiet qed jesigi minghandu l-hlas tas-somma ta' elf mitejn hamsa u sebghin lira u hamsa u sebghin centezimu (Lm1275.75) allegatament dovuta mir-rikorrent

in rappresentanza ta’ bilanc ta’ kontribuzzjoni tat-triq f’Ta’ Bistra, Mosta.

Illi din it-talba hija ghal kollox infondata stante li:-
(a) l-allegat hlas jikkoncerna xogholijiet li saru iktar minn ghaxar (10) snin ilu u kwindi hija certament preskritta ai termini tal-artikoli 2115(2) u 2156(f) tal-Kodici Civili;
(b) bla pregudizzju, ma jista jezisti ebda kreditu favur d-Direttur Generali bhala kontribuzzjoni ghat-triq stante li l-istess triq baqghet dejjem triq privata proprjeta` tal-istess rikorrent.

Ghaldaqstant l-istess rikorrent talab li dik il-Qorti joghgobha a tenur tal-artikolu 466 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, tiddikjara t-talba tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet bhala wahda infondata u konsegwentement tirrigettaha bl-ispejjes.

Rat ir-risposta ta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet presentata fid-29 ta’ Jannar, 1991 li permezz taghha eccepixxa:-
1. Preliminarjament l-irritwalita` ta’ l-okkju fir-rikors maghmul mir-rikorrent.
2. Illi l-ammont ta’ elf mitejn hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezimu (Lm1275.75) bilanc minn somma akbar ghadu ma thallasx mill-attur.
3. Illi r-rikorrent ma jistax jeccepixxi l-preskrizzjoni billi taht l-Artikolu 466(2), id-debitur irid jipprova li l-ammont mhux dovut.
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-preskrizzjoni tas-subartikolu (F) ta’ l-Artikolu 2156 mhix applikabbli ghall-kaz odjern stante r-rikonoxximent tad-dejn l’ (recte: b’) att pubbliku.
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni ma tapplikax ghall-kaz odjern, stante li l-ammont mitlub huwa dovut bhala kontribuzzjoni ghat-triq li fiha nfissha hija servizz li r-rikorrent ghadu qieghed jaghmel uzu kontinwu minnha.
6. Illi l-imsemmija triq hija triq pubblika u dan skond l-akkwist t’art numru 509, li giet esproprjata fl-ghoxrin (20) ta’ Settembru, tas-sena elf disa’ mija tnejn u tmenin (1982).

B’sentenza preliminari tal-14 ta’ April, 1999 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u dana bl-ispejjes kontra tieghu.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-28 ta’ Novembr, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-istess rikorrent, cahdet ukoll it-talba tieghu bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-
*“Illi r-rikorrent kien xtara l-art fit-Triq Ta’ Bistra, Mosta, b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tat-13 ta’ Marzu, 1987. Jirrizulta li f’dik is-sena r-rikorrent kien hallas LM425.25 bhala 25% tar-road contribution bil-kundizzjoni li kellu jhallas il-bilanc ta’ LM1,275.75 fi zmien sena. Skond ix-xhud Claire Fenech ir-rikorrent ma kien hallas xejn minn dan il-bilanc.*

*“Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni billi minn 1987 sakemm giet prezentata l-ittra ufficjali hu ma kien irceva ebda interpellazzjoni minghand l-intimat.*

*“Illi jirrizulta mid-dokument ezibit mill-intimat a fol. 45 li r-rikorrent kien iddikjara li hu kien “liable to all government or departmental charges which may be incurred on the issue of the actual building permit.” Skond l-istess xhud Fenech dina d-dikjarazzjoni dahlet fil-file tad-dipartiment fil-1987. Ir-rikorrent kien ammetta li ghandu jaghti; kien ghamel part payment u xehed li ma jiftakarx li kien hallas il-LM1200 bilanc. Hu qal li meta hallas dejjem tawh ricevuta. B’verbal tat-2 ta’ Ottubru, 2001 ir-rikorrent ikkonferma li hu ma sabx ricevuti.*

*“In vista ta’ l-ammissjoni tar-rikorrent u dak li hemm provdut fl-artikolu 2133 tal-Kap 16 il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja, il-Qorti tikkonkludi ghalhekk li l-ammont mitlub mill-intimat fl-ittra ufficjali ghadu dovut.”*

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' l-eccezzjoni (a) kontenuta fir-rikors promotur tal-esponent u l-konsegwenti talba ghac-cahda tat-talba tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

Fir-risposta presentata mill-intimat Direttur Generali tax-Xogholijiet intalab li s-sentenza tigi konfermata stante illi "*nghatat wara evalwazzjoni korretta tal-fatti kollha, kif ukoll wara evalwazzjoni xierqa tal-principji legali".*

Minn qari tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li ghalkemm jirrizulta in atti l-ammissjoni tar-rikorrent, dan gara tnax il-sena qabel ma huwa gie interpellat bl-ittra ufficjali li qed tigi attakkata bil-proceduri odjerni. Illi ghalhekk, ghalkemm jista' jinghad li kien hemm interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv, il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2156(f) reget skadiet minghajr ma kien hemm ebda att interruttiv jew ammissjoni da parti tal-istess rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Din il-Qorti tibda biex qabel xejn tirrileva li s-sentenza tal-prim istanza hija monka in kwantu ghalkemm din ikkunsidrat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u cahdita, ma jinghad xejn dwar it-tieni eccezzjoni li hija fis-sens li l-ammont mhux dovut in kwantu t-triq in kwistjoni hija wahda privata proprjeta` tal-istess rikorrent.

Illi f'dan ir-rigward jigi osservat li, gia la darba l-ewwel qorti cahdet l-preskrizzjoni sollevata, kellha ta' bilfors tinvestiga l-validita` o meno tat-tieni eccezzjoni. Jekk, ghalhekk, din il-Qorti tichad l-appell odjern hu evidenti li l-atti ghandhom jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi fuq dan it-tieni punt ossia eccezzjoni.

**Ikkunsidrat:-**

Dawn il-proceduri huma msejsa fuq dak li jipprovdi s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta in kwantu r-rikorrent John Bartolo qed jitlob li l-ittra ufficjali u dikjarazzjoni tad-Direttur generali tax-Xogholijiet notifikati lilu a tenur ta’ l-istess artikolu ma jkollhom ebda effett ezekuttiv in kwantu t-talba ta’ l-istess Direttur hija infondata.

Din it-talba hija bazata principalment fuq il-preskrizzjoni estintiva billi qed jigi rilevat li bejn id-data ta’ meta jirrisali l-kreditu u d-data tan-notifika tal-ittra ufficjali mibghuta a tenur ta’ l-Artikolu 466 fuq imsemmi ghaddew aktar minn hames snin u kwindi l-kreditu huwa estint kif jipprevedi is-subinciz (f) ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Is-subinciz (f) ta’ l-artikolu imsemmi jipprovdi li *“l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku – jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Jidher mill-korp tas-sentenza li l-ewwel qorti accettat li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu fuq imsemmi hi applikabbli ghall-kaz sottoezami biss, wara ezami tal-provi prcesswali, waslet ghall-konkluzzjoni li l-perjodu preskrittiv kien gie interrot bl-ammissjoni tal-istess rikorrent a tenur ta’ l-Artkolu 2133 tal-Kodici Civili. F’dan is-sens ukoll hija r-risposta tal-intmat appellat.

Issa ma hemmx dubbju li bejn id-data ta’ meta r-rikorrent irrikonoxxa d-debitu sew bl-ittra tieghu bla data (izda li jidher li waslet ghand id-dipartiment fin-1987), kif ukoll meta sar pagament akkont fl-istess sena, u d-data tal-ittra ufficjali li qed tigi kontestata, ghadda zmien twil ta’ cirka 12 il-sena. Jirrizulta wkoll li f’dan il-perjodu la kien hemm ammissjoni ulterjuri da parti tar-rikorrent u lanqas ma kien hemm att interruttiv tal-preskrizzjoni - zewg metodi li

jistghu jiksru l-perjodu preskrittiv. Ghalhekk, kif sewwa osserva r-rikorrent fir-rikors tal-appell, ghandu japplika dak li jipprovdi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 2136 tal-Kodici Civli billi jigi dikjarat li wara l-interruzzjoni maghmula bl-ammissjoni tal-1987 rega beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2156(f) fuq citat u la darba ghaddew aktar minn hames snin il-kreditu tal-intimat huwa estint.

Fir-rigward ta' dak li gie rilevat mill-intimat fir-risposta tieghu fis-sens li "John Bartolo fl-ebda stadju ma xehed taht gurament illi mhux debitur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u lanqas xehed illi dawn il-flus ma kienux dovuti" liema osservazzjoni din il-Qorti tifhem saret b'referenza ghal dak li hemm provdut fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, jigi rilevat li l-Artikolu 2160 jipprovdi specifikatament li dawk il-preskrizzjoni hemm imsemmija, inkluza l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa. Ir-rikorrent gie mtella biex jixhed bil-gurament 'in kontro ezami' pero` l-istess intimat naqas li jipprevalixxi ruhhu mid-dritt li jaghmillu l-mistoqsija kontemplata fl-artikolu imsemmi u ghalhekk l-istess rikorrent ma kienx tenut jghid xejn.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemmx ghalfejn li tigi indirizzata l-kwistjoni ta' jekk it-triq hix wahda pubblika jew privata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tar-rikorrent u b'hekk filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata tiddikjara li, a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, it-talba tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet maghmula fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 1999 indirizzata lil John Bartolo hija infondata.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kollha mill-intimat Direttur Generali tax-Xogholijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------